# Naħdmu bi Spirtu Akbar f'din is-Sena tal-Volontarjat



*Joseph Bartolo*
**President**

Ħbieb,

Din is-sena se nibda dawn il-ftit versi tiegħi b'tema mhux tas-soltu. Dan peress li r-raħal tagħna, wara 65 sena, għandu bħala Kappillan wieħed minn uliedu stess. Allavolja aħna bħala Soċjetà diġà lil Fr Joe Caruana fraħnielu bil-kbir fil-festin li organizzajna f'ġieħu bħala l-kappillan il-ġdid tal-Mellieħa, inħoss li f'din il-ħarġa tal-ktieb tal-festa, għan-nom tas-Soċjetà tagħna, nerġa' nifraħlu mill-ġdid, inwegħduh l-għajnuna kollha tagħna u nitolbu dejjem biex Marija Bambina tkompli tgħinu fix-xogħol nobbli tiegħu. Irrid ngħid ukoll li Fr Joe kien bħala Kappillan tal-Każin qabel ma mar bħala Kappillan tal-Manikata. Wara l-Quddiesa tal-pussess, il-Banda Imperial wasslet lura lill-Kappillan sal-Bitħa tas-Santwarju.

Issa ngħaddi għal xi ftit tagħrif fuq l-andament tas-Soċjetà tagħna matul is-sena li għaddiet. Malli għaddiet il-festa tas-sena l-oħra, bdejna dritt bl-attivitajiet mill-ġdid. Fuq stedina mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, fil-11 ta' Settembru 2010, il-Kor Imperial esegwixxa Kunċert Korali fil-Pjazza tas-Santwarju fl-okkażjoni tal-Iljieli Melleħin. Fis-17 ta' Novembru, il-Banda Imperial esegwiet Programm Mużikali fil-Pjazza tal-Parroċċa fl-okkażjoni tal-Laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali għall-membri tal-Kunsill tat-Turiżmu li huma membri tal-Kumitat Ewropew. Bħal kull sena, il-Ħadd, 5 ta' Diċembru, il-Banda reġgħet marret fil-Kumpless tad-Dar tal-Providenza biex tferraħ lil dawk l-anġli li jinsabu hemmhekk. Kif wasal żmien il-Milied, il-Banda u l-Kor Imperial żaru diversi lukandi u postijiet oħra, jferrħu r-residenti b'għanjiet tal-Milied. Fil-Milied Melleħi, organizzat mill-Kunsill Lokali taħt it-tinda fil-pjazza tal-parroċċa nhar l-24 ta' Diċembru, il-Banda daqqet programm ta' għanjiet tal-Milied li ġie milqugħ tajjeb ħafna mill-folla preżenti.

Il-Ħadd, 6 ta' Frar 2011, il-Banda Imperial ħadet sehem f'Jum l-Imġarr billi esegwiet programm fis-Sala tal-Iskola tal-Gvern. F'Ħadd il-Palm, 17 ta' April, il-Banda u l-Kor Imperial ħadu sehem fil-Kunċert annwali fis-Sala tal-iskola tal-Gvern fil-Mellieħa. Kien kunċert addattat ħafna għall-okkażjoni li fih ħa sehem ukoll il-kantant Damian Buhagiar. Wieħed jista' jkompli jsegwi l-attivitajiet kollha ta' matul is-sena fid-Djarju 'l quddiem f'dan il-ktieb.

Ngħaddi issa għall-attività ġdida li ġiet organizzata fil-Każin. Bejn is-Sibt 26 ta' Marzu u l-Ħadd 3 t'April 2011, il-grupp taż-żgħażagħ tal-Każin organizza Wirja ta' Arti u Artiġġjanat Melleħi. F'din il-wirja ħadu sehem 20 esebitur kollha Melleħin. Din ġiet inawgurata mill-Kappillan, Fr Joe Caruana. Din il-wirja ġibdet ħafna nies minn kull parti ta' Malta u kulħadd kien kelma waħda x'talent għandna fil-Mellieħa. Matul din il-wirja wkoll, kulħadd seta' volontarjament joffri xi ħaġa bħala għajnuna lid-Dar tal-Providenza tas-Siġġiewi. Is-somma sabiħa miġbura kienet ippreżentata lil Fr Martin Micallef, Direttur ta' din id-Dar, nhar il-Ħadd 17 t'April waqt il-Kunċert ta' Ħadd il-Palm. Nagħti prosit hawnhekk lill-grupp taż-żgħażagħ u grazzi bil-kbir lill-esebituri kollha.

Ngħid grazzi wkoll mill-qalb lil sħabi fil-Kumitat, lil maħbub Surmast tal-Banda tagħna, Mro Anthony Borg, tal-paċenzja u l-impenn li għandu lejn il-Banda, lill-Assistent Mro Philip Schembri, lill-bandisti kollha, Kummissjoni Banda, Mro Shirley Helleur, Direttriċi tal-Kor u l-membri kollha tal-Kor. Grazzi wkoll lill-membri tal-Kumitat tan-Nisa u l-Grupp taż-Żgħażagħ li huma l-id il-leminija tal-Kumitat Amministrattiv. Nirringrazzja wkoll lill-familjari kollha ta' dawn li għadni kif semmejt għas-sapport u l-paċenzja li jieħdu bina.

Grazzi wkoll lil dawk kollha li jiktbulna l-artikli għal dan il-ktieb u wkoll lil dawk l-azjendi li jagħtuna r-reklami tagħhom għax it-tnejn huma ta' għajnuna kbira għalina.

Irrid ukoll insellem u nilqa' fostna l-emigranti u

nixtiequlhom vaganza sabiħa fostna.

Grazzi wkoll lil dawk kollha li joffru l-għajnuna matul is-sena kollha u anke lill-familja tal-*Barman* tal-koperazzjoni li biha naħdmu flimkien.

Bħal dejjem nagħmel appell biex niftakru f'dawk li tant ħadmu qabilna u m'għadhomx magħna. Naħsbu wkoll f'dawk l-anzjani jew morda li mhux possibbli għalihom li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-festa magħna.

Nirringrazzja wkoll lill-Melleħin kollha u anke lil dawk li issa għandhom ir-residenza tagħhom fil-Mellieħa tal-għajnuna li jagħtuna matul is-sena kollha.

**ID-DROGA TEQIRDEK...**
**Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!**

**Hunter's Snack Bar**
**Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ**
**Mob: 9927 2785**
**Prop. Darren Micallef**
**For good food @ Cheap Prices**

**SALA IMPERIAL**
**(mgħammra b'arja kundizzjonata)**
Ideali għal riċevimenti tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u għal kull attività soċjali oħra.
***Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat, jew ċemplu fuq in-numri tat-telefown:***
***21 523467 u 21 520536***